KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

23 ta' Novembru 2011

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Erbgha u Sittin (64) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah l-Erbgha u Sittin (64) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Gimgha 18 ta' Novembru 2011 fis-2.00pm.**

L-Erbgha u Sittin (64) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
3. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sal-ahhar tal-31 ta' Settembru 2011
4. Ghazla ta' Kwotazzjoni:
    a. KLF/Q/12/11 Installazzjoni ta' dawl dekorattiv ghall-Milied
5. Aggornament tal-laqgha

Ghall-Erbgha u Sittin (64) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**
**il-Vici Sindku Franco Davies attenda wara materja nru. 4.**

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

Is-Sindku Nigel Holland zied jaghti merhba ghall-ewwel darba lis-Segretarju Ezekuttiv Svetlick J. Flores u awguralu l-hidma t-tajba ghas-snin li gejjin.

Is-Segretarju Ezekuttiv Svetlick J. Flores irringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsilliera u spera li jkollu hidma twila fil-Kunsill Lokali tal-Floriana.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tlieta u sittin (63) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni ghall-approvazzjoni tal-minuti msemmija f'1.1, issekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 3 (ET, VB, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (SSH)

1.3 Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **59-05**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 10092 sa 10108, bir-rizultat:

Favur: 4 (NH, ET, VB, SSH)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.5 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland, mis-Segretarju Ezekuttiv u minn zewg kunsilliera.

## 3.0 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sal-ahhar ta' 31 ta' Settembru 2011

3.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss minhabba li r-Rapport Finanzjarju kien ghadu ma giex ipprezentat mill-Accountant tal-Kunsill.

## 4.0 Ghazla ta' Kwotazzjoni:

**Nota: 14:35 Il-Vici-Sindku Franco Davies attenda ghal-laqgha.**

### 4.1 KLF/Q/12/11 Installazzjoni ta' dawl dekorattiv ghall-Milied

4.1.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili biex tintaghzel l-offerta' tas-Sur Karl De Flavia fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta', bir-rizultat kien:

Favur: 4 (SSH, ET, NH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (FD)

## 5.0 Aġġornament tal-laqgħa

5.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 5 ta' Dicembru 2011 fis-13.00pm.

Il-laqgha ntemmet fit-14.40.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Svetlick J. Flores |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |